MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 183/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Vassallo talli:

(1) Fil-Lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Awwissu, 2003 minn Triq ic-Cimiterju Haz-Zabbar ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Capri bin-numru ta' registrazzjoni KAE-446 ghad-dannu ta' John Fiorini minn Haz-Zabbar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Ford Capri bin-numru ta' registrazzjoni KAE-446 ghad-dannu tal-istess John Fiorini, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin (Lm50);

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' tlettax –il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn datata l-14 ta' Lulju, 2003 mposta fuqu mill-Magistrat Dott. J Padovani Grima LL.D;

(4) Talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Jannar, 2002 mill-istabbiliment bl-isem 'X-Bar' sitwat fi Triq tal-Gardiel Marsaskala kkommetta serq ta' somma flus kontanti ghad-dannu ta' Anthony Zarb minn Marsaskala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) u bil-hin;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Anthony Zarb, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500);

(6) Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin;

(7) Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn datata l-1 ta' Frar, 2000 imposta fuqu mill-Magistrat Dott. Noel Cuschieri LL.D, liema perijodu operattiv ta' sentejn sospizi gew estizi ghal erba' snin b' sentenza ohra datata 18 ta' Dicembru, 2001 li giet imposta fuqu ill-Magistrat Dott. C Scerri Herrera LL.D;

(8) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b' sentenza ohra datata 18 ta' Dicembru, 2001 moghtija mill-Magistrat Dott. C Scerri Herrera LL.D;

U Finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Anton Vassallo jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-espert skond l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, mhux hati tar-raba', il-hames, u s-sitt akkuzi, hati tas-seba' akkuza fil-konfront biss tas-sentenza atat-18 ta' Dicembru 2001 bit-tmien akkuza assorbita fis-seba' akkuza u hati wkoll tad-disa' akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271(G), 278, 279, 28(A), sa 28(G), 49, 50, 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Anton Vassallo ghal erbatax –il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin u qeghditu taht 'suspended sentence supervision order' ghal perijodu ta' tliet snin taht is-supervizzjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi ghar-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2003 (cioe' fil-konfront tat-tielet akkuza) il-Qorti ordnat l-estenzjoni tas-sentenza sospiza ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata u ghar-rigward tas-seba' akkuza ghal konfront tas-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2001 estendiet l-istess sentenza ghal erba' snin sospensjoni mid-data tas-sentenza appellata.

Rat ir-rikors ta' Appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li (a) **tikkonfermaha** f' dik il-parti fejn sabet il-htija ta' l-imputat fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza; (b)

**tikkonfermaha** f’ dik il-parti fejn sabet il-htija ta’ l-imputat fir-rigward tas-seba’ tmienja u disa akkuzi; joghgobha (c) **thassarha** f’ dik il-parti fejn sabet lill-imputat mhux hati tar-raba’, il-hames u s-sitt akkuza, (d) **thassarha** wkoll f’ dik il-parti fejn: (i) erogat erbatax –il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ snin; (ii) qeghditu taht ordni ta’ supervizjoni sospiza ghal perjodu ta’ tlett snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew probation Officer iehor nominat minnu; (iii) u fil-konfront tat-tielet akkuza, ordnat l-estensjoni tas-sentenza sospiza ghal erba’ snin (fir-rigward is-sentenza ta’ l-14 ta’ Lulju 2003) biex jibdew jghaddu mill-gurnata ta’ din is-sentenza prezenti (iv) u ghar-rigward tas-seba’ akkuza, ghal konfront tas-sentenza tat-18 ta’ Dicembru 2001 estendiet l-istess sentenza ghal erba’ snin sospensjoni mill-gurnata ta’ din il-prezenti sentenza u ordnat lil Probation Officer jirraporta lil Qorti dwar il-progress o meno ta’ l-imputat kull tlett xhur; u **minflok**: (e) **tghaddi** biex issib lill-imputat hati wkoll tar-raba, il-hames u s-sitt akkuzi migjuba kontra tieghu u cioe`: (i) Illi fil-lejl bejn il-15 u 16 ta’ Jannar 2002 mill-istabbiliment X-Bar sitwat fi Triq il-Gardell, Marsascala, kkommetta serq ta’ somma flus kontanti a dannu ta’ Anthony Zarb liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedi l-Lm1000 u l-hin; (ii) Illi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara f’ dan il-hanut hawn fuq imsemmi liema hsara kienet tiskorri l-Lm50 izda ma tiskorrix il-Lm500; (iii) Illi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wettaq ir-reat ta’ ricettazzjoni relattivament ghall-oggetti li kienu gejjin minn serq kwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-Lm1000 u l-hin; u (f) **tinfliggi** fil-konfront ta’ l-imputat il-piena idoneja skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi; (2) il-piena erogata kienet fix-xorta jew kwantita`

taghha differenti minn dik preskritta mil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja nghatat is-sentenza.

L-ewwel aggravju proprjament jirrigwarda r-raba’, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet. Skond l-appellant, l-impronti ta’ l-appellat li nstabu fuq il-hgieg imkisser tal-hanut “X-Bar”, Triq il-Gardiel, M’Skala, kellhom iwasslu ghas-sejbien ta’ htija ta’ l-appellat ta’ dawk l-imputazzjonijiet.

Issa, mill-provi jirrizulta li bejn is-2.00 a.m. u l-10.00 a.m. tas-16 ta’ Jannar 2002 sar serq bi sgass mill-hanut imsemmi. Id-dhul sar billi tkissret il-hgiega t’isfel tan-naha tal-lemin tal-bieb tal-faccata (il-parti fissa) – ara ritratti 02ADX102 u 02ADX 103 fir-relazzjoni Dox. RS tas-*scene of crime officer* P.S. 964 Robert Scicluna annessa mal-process verbal. Minn din il-hgiega (il-parti li baqghet imwahhla), kemm min-naha ta’ barra kif ukoll min-naha ta’ gewwa, gew elevati diversi impronti mis-*scene of crime officer* P.S. 1336 Jesmond Micallef – ara r-relazzjoni tieghu Dok. JM annessa wkoll ma’ l-istess process verbal. Wara li ttiehdu l-impronti tas-swaba’ u tal-pali ta’ l-idejn ta’ Anton Vassallo fl-istadju ta’ l-inkjesta minn P.C. 956 Andrew Caruana, dawn gew ipparagunati mill-esperta forensiku Nathalie Zahra ma’ l-impronti misjuba u elevati mix-xena tad-delitt. Mir-relazzjoni taghha (Dok. NZ anness ukoll mal-process verbal imsemmi) jirrizulta illi (1) il-marka tal-pala ta’ l-id u l-impronta digitali li jidhru fuq il-*lifter* 02ADX302 jaqblu mal-marka tal-pala ta’ l-id il-leminija u mas-saba’ tac-curkett ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-appellat Anton Vassallo; (2) l-impronta digitali li tidher fuq il-*lifter* dokument 02ADX304 taqbel mas-saba’ l-kbir ta’ l-id il-leminija ta’ l-appellat; (3) il-marka tal-pala ta’ l-id li tidher fuq il-*lifter* dokument 02ADX305 taqbel mal-marka tal-pala ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-appellat. Dawn l-impronti kolha nstabu fuq <u>in-naha ta’ barra</u> tal-hgiega mkissra. Pero` kien hemm impronta ohra li giet elevata <u>min-naha ta’ gewwa</u> ta’ l-istess hgiega. Din kienet (4) l-impronta digitali li tidher fuq il-*lifter* dokument 02ADX308 li nstab li taqbel mas-saba’ tac-curkett ta’ l-id il-leminija ta’ l-appellat. Fuq il-hgiega mkissra kien hemm impronti ohra li pero` kienu neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal komparazzjoni.

L-ewwel Qorti rreferiet ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Abela** tat-28 ta' Mejju 1998, u specifikatament ghas-segwenti bran:

**"F'kaz fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta' kuljum huma frekwentati minn mijiet ta' nies, certament ma jistax jinghad li legalment is-sejba ta' marka ta' swaba' ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna …. fil-kaz ta' postijiet pubblici, din il-prova tinnecessita korroborazzjoni …."**

F'dan il-kaz l-ewwel Qorti kkonkludiet ghalhekk li l-prosekuzzjoni ma gabet ebda tip ta' korroborazzjoni biex issahhah il-kaz taghha u ghalhekk il-Qorti ma setghetx issib htija dwar l-imsemmijin imputazzjonijiet.

Issa, fil-kawza **Il-Pulizija v. Anthony Abela**, kif intqal fl-istess sentenza, **"**l-unika prova li hemm li b'xi mod tista' twassal biex turi li l-appellant f'xi zmien kien fil/jew hdejn il-hanut minn fejn saret is-serqa in kwistjoni kienet tikkonsisti li fuq xi hgiega jew mera fil-fond in kwistjoni instabu marki tas-swaba' li qablu mal-impronti digitali tal-imputat.**"** Fil-kaz odjern l-impronti ma nstabux fuq **"**<u>xi</u> hgiega jew mera", izda fuq il-hgiega li tkissret biex isir access ghal gewwa l-fond u liema impronti nstabu kemm fuq in-naha ta' barra kif ukoll fuq in-naha ta' gewwa ta' l-istess hgiega. Inoltre l-pozizzjoni tal-hgiega hi tali li persuna li tkun klijent normali tal-hanut derubat ma jkollhiex ghalfejn tmissha – differentement mill-kaz ta' fejn tinsab impronta gewwa l-hanut fuq **"**<u>xi</u> hgiega jew mera".

Fl-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija l-appellant cahad li dahal fil-hanut in kwistjoni. Pero` jirrizulta li fl-istqarrija tieghu tas-7 ta' Gunju 2002 cahad li qatt dahal fil-hanut X-Bar **"**kemm ilu hekk", filwaqt illi fl-istqarrija tieghu tal-5 ta' Awissu 2003, wara li gie konfrontat bil-fatt li kienu nstabu impronti digitali tieghu, biddel il-verzjoni u qal li kien dahal **"**biex

jiehu drink", u spjega dan it-tibdil fil-verzjoni tieghu billi qal li forsi kien xi naqra mbezza'. Dawn l-inkonsistenzi ma huma xejn hlief tentattiv ta' l-appellat biex jiskolpa ruhu.

Din il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk li l-pozizzjoni ta' l-impronti li nstabu flimkien ma' l-inkonsistenza ta' l-appellat fil-verzjonijiet li ta lill-Pulizija huma provi bizzejjed li jassodaw il-htija ta' l-appellat tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet. Is-sitt imputazzjoni hi f'dan il-kaz imputazzjoni alternattiva u ghaldaqstant ma tistax tinsab htija ta' dik l-imputazzjoni wkoll.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti li, skond l-appellant Avukat Generali, fix-xorta u l-kwantita` taghha ma kinitx dik preskritta mil-ligi. Jghid li l-ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza sospiza ta' prigunerija minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 28A(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti, jghid l-Avukat Generali, l-appellat gie dikjarat recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 u inoltre r-reati in kwistjoni gew kommessi f'perijodu ta' *probation*. U, galadarba hu applikabbli l-artikolu 28A(7), ikompli jghid l-appellant, ma kienx lok li jigi applikat l-artikolu 28B(2) tal-Kap. 9 izda semmai kellu jigi applikat l-artikolu 28B(1) ta' l-istess Kap. 9.

L-artikolu 28A(7) jiddisponi hekk:

**"(7) Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin -**
**(*a*) meta l-ikkundannat ikun digà qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija;**
**(*b*) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50;**
**(*c*) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation*."**

Mis-sentenza appellata in effetti jirrizulta li l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni li kien sar recidiv b'referenza ghall-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-projbizzjoni li tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija fis-sitwazzjonijiet elenkati fl-artikolu

28A(7) hija tassattiva. Ghalhekk l-ewwel Qorti, ghal din ir-raguni biss, ma setghetx tittratta ma' l-appellat billi taghti fil-konfront tieghu sentenza sospiza ta' prigunerija.

L-appellant pero` jirreferi wkoll ghall-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellat hati wkoll li kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta imposti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Dicembru 2001 – it-tmien imputazzjoni li l-ewwel Qorti ddikjarat assorbita fis-seba' imputazzjoni fejn iddikjarat lill-appellat hati li kkommetta r-reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn datata l-1 ta' Frar 2000 u liema perijodu operattiv gie estiz ghal erba' snin ohra b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Dicembru 2001. L-ewwel Qorti fil-fatt fir-rigward tas-seba' imputazzjoni u t-tmien imputazzjoni hekk assorbita ddecidiet billi testendi s-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2001 ghal erba' snin ohra mid-data tas-sentenza appellata. L-Avukat Generali qieghed jitlob ir-revoka ta' din il-parti tas-sentenza.

Din it-talba se tigi milqugha peress illi jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet diga` ttrattat ma' l-appellat ghall-ksur tas-sentenza ta' prigunerija sospiza kif estiza bis-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2001 permezz ta' sentenza tas-26 ta' Marzu 2004 li biha dik is-sentenza sospiza giet reza effettiva. Imbaghad kwantu ghall-ksur tal-*probation*, il-Qorti tal-Magistrati kienet ukoll ittrattat mieghu b'sentenza ta' l-10 ta' Novembru 2004. F'dar-rigward ara s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-konfront ta' l-appellat odjern u moghtija fit-2 ta' Frar 2007. Naturalment, peress illi l-Qrati diga` ttrattaw ma' l-appellat ghall-imsemmi ksur, din il-Qorti ma tistax terga' tittratta mieghu ghall-imsemmi ksur, u ghalhekk mhux il-kaz li jigi applikat l-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9.

L-Avukat Generali qieghed ukoll jitlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe` li kkommetta r-reati indikati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija moghtija mill-

Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Lulju 2003. Din it-talba wkoll se tigi milqugha. Izda peress illi bis-sentenza precitata ta' din il-Qorti tat-2 ta' Frar 2007, din il-Qorti diga` ttrattat ma' l-appellat ghall-ksur ta' dik is-sentenza sospiza billi estendiet il-perijodu operattiv ghal erba snin b'effett mid-data ta' dik is-sentenza, din il-Qorti ma tistax terga' tittratta mieghu ghall-ksur tas-sentenza ta' l-14 ta' Lulju 2003.

Kwantu ghall-piena, pero`, din il-Qorti sejra tirreferi ghax-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon moghtija quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2009 fejn iddeskriviet il-kaz ta' l-appellat bhala *"success story"*. Ikkonkluda b'success programm ta' rijabilitazzjoni fil-Komunita` Santa Marija, f'kaz iehor fejn inghata kondizzjoni li jaghmel *community service*, is-servizz li ta fid-Dar tal-Provvidenza kien "successun". Ghandu relazzjoni li minnha ghandu tarbija u fetah hanut. *Random samples* ta' urina taw rizultat negattiv ghall-prezenza ta' droga.

Xehdet ukoll Connie Fenech, *care worker* li tahdem fil-Komunita` Santa Marija u li ddeskriviet lill-appellat bhala "wiehed milli mexa", *urines* dejjem *clean* u kull meta tawh certu fiducja dejjem mexa tajjeb. Qalet li baqa' f'kuntatt mal-Komunita`.

Dawn huma cirkostanzi li bil-fors iridu jittiehdu in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-piena. Din il-Qorti ma tqisx li f'dan l-istadju ta' hajjet l-appellat huwa opportun li jerga' jigi inkarcerat u jimmerita li jinghata l-fiducja ta' din il-Qorti billi jitqieghed taht *probation* sabiex b'hekk minn banda ma jintilifx dak kollu li bena matul l-ahhar snin u mill-banda l-ohra jibqa' taht il-harsien ta' din il-Qorti tramite ufficjal tal-*probation*, prefereibilment l-istess ufficjal tal-*probation* li diga` ilha ssegwieh ghal diversi snin.

Ghal dawn il-motivi:

Tideciedi billi  tirriforma s-sentenza appellata, tirevokaha in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Anton Vassallo hati tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah

hati ta' dawk l-imputazzjonijiet bl-assorbiment tal-hames imputazzjoni fir-raba' imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu sabitu hati tat-tielet, tas-seba' u tat-tmien imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin u in kwantu tqieghed taht *suspended sentence supervision order* ghal perijodu ta' tliet snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew *probation officer* minnu nominat, tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat l-estensjoni tas-sentenza sospiza moghtija bis-sentenza ta' l-14 ta' Lulju 2003 ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata, kif ukoll tirrevokaha in kwantu ordnat l-estensjoni tas-sentenza sospiza skond is-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2001 ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u in kwantu sabitu mhux hati tas-sitt imputazzjoni, u minflok u wara li rat ukoll l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279, 280, 325, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu taht *probation* skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* nominat mid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u bil-kondizzjonijiet fl-ordni ta' *probation* hawn anness. Din il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-effetti ta' l-ordni skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------